7 ta' Diċembru, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Emmanuele Mifsud *versus* Joseph Muscat**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Dar — Appell — Provi.**

*Jekk l-intimat f'kawża quddiem il-Board li jirregola l-Kera, biex jiġi fissat il-kera xieraq tal-post minnu okkupat, jissolleva l-eċċezzjoni li l-post ma hux "mainly dwelling house", u li għalhekk il-kera tiegħu ma jistax jiġi stabbilit mill-Board ħlief fuq talba ta' l-intimat, imma ma jagħmel xejn aktar biex isostni l-eċċezzjoni tiegħu, u intant il-kawża tiġi deċiża sempliċement fuq l-eżami tal-membri tekniċi tal-Board, li jistabbilixxi l-kera tal-fond bħala "dwelling house", ma jistax l-intimat, f'appell li huwa jagħmel minn dik id-deċiżjoni, jagħmel il-provi li messu għamel u li ma għamelx quddiem il-Board biex jiddimostra illi l-post ma hux "dar" fis-sens tal-liġi.*

*U fil-każ preżenti, il-Qorti żammet li ma kellhiex tuża mill-poter tagħha li tordna hija dik il-prova ġdida; billi dan il-poter tal-Qorti jiġi eżerċitat meta si tratta ta' skjariment ta' provi, u mhux biex jiġi istruwit "ex novo" u "ab ovo" każ li ma ġiex bl-ebda mod istruwit quddiem il-Board minn għand min messu u seta' jistruwieh.*

Il-Qorti — Wara li rat ir-rikors ta' l-imsemmi Mifsud, li bih talab li jiġi fissat il-kera xieraq tal-fond numru 42 Atocia Street, il-Hamrun;

Wara li rat it-tweġiba ta' l-imsemmi Muscat, li qal li l-fond ma kienx "mainly dwelling house";

Wara li rat id-deċiżjoni tal-Board li jirregola l-Kera,

moghtija fid-29 ta' Lulju 1953, li biha stabbilixxa l-kera għal £12 fis-sena..............; wara li kkunsidra;

Illi l-fond huwa dar fis-sens tal-liġi, u illi mir-rapport tal-membri tekniċi tal-Board, anness mad-deċiżjoni, irriżulta li l-kera xieraq huwa ta' £12;

Rat ir-rikors li bih l-intimat appella mid-deċiżjoni fuq riferita, u talab li tiġi revokata (ħlief fil-parti tagħha li fiha kkundannat ir-rikorrent Mifsud iħallas nofs l-ispejjeż), billi jiġi deċiż li l-fond ma hux "dwelling house", u li għalhekk il-kera tiegħu ma jistax jiġi stabbilit mill-Board tal-Kera ħlief fuq talba ta' l-intimat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-deċiżjoni hi appellabili, għax il-Board daħal fil-kwistjoni jekk il-post hux dar jew le fis-sens tal-liġi ("Mohanani vs. Pace Axiak", Appell 7 ta' Mejju 1945, Vol. XXXII—I—232. Kollez.);

Ikkunsidrat, fuq dan l-istess punt;

Ebda prova ma saret fl-ewwel istanza quddiem il-Board, meno l-eżami tal-membri tekniċi tiegħu;

Din il-Qorti ma hix tribunal tal-prim'istanza, li quddiemu jsiru l-provi li setgħu u kien messhom saru quddiem il-Board, imma Qorti ta' reviżjoni tad-deċiżjonijiet tal-Board, meta jkunu appellabili fuq punt ta' dritt in bażi għall-provi li saru quddiem il-Board; salva l-ammissjoni ta' provi ġodda skond il-Liġijiet tal-Proċedura;

F'din l-istanza l-appellant eżibixxa skrittura ta' lokazzjoni. Apparti r-riljev li dan id-dokument ma ġiex eżibit quddiem il-Board, diffikoltà li talvolta kienet tkun rimedjata bid-dispost ta' l-art. 149 (1) (b) Kap. 15, jibqa' dejjem li dan id-dokument xejn ma jżid..............;

Għalhekk il-pożizzjoni hi din. Fir-risposta tiegħu quddiem il-Board, fol. 2, l-appellant ammetta li l-fond fih xi kumditajiet retroposti, u fih "lavatory" li kien għamel il-Gvern meta l-fond kien użah għal "refugee centre", u li l-appellat qiegħed jabitah. Il-membri tekniċi tal-Board spezzjonaw il-fond, u preżumibilment ikkunsidrawh "mainly dwelling

house''. Dawn iċ-ċirkustanzi ta' fatt jinduċu almenu l-preżunzjoni li l-fond kien mikri prinċipalment bħala "dwelling house". Komunkwe sija, in bażi għal dawn iċ-ċirkustanzi, l-uniċi li kien hemm quddiem il-Board, il-Board iddeċieda li l-fond kien "dar" fis-sens tal-liġi. Ebda prova ma saret quddiem din il-Qorti li tista' tiswa biex twaqqa' din il-konklużjoni, u ebda prova ġdida ma tista' issa ssir, lanqas bix-xhieda ta' l-istess partijiet, ladarba ma saretx fl-ewwel istanza, u ladarba ma jirrikorrux ir-raġunijiet ta' ammissjoni ta' provi ġodda. Lanqas din il-Qorti ma tħoss il-bżonn li tordna hi din il-prova ġdida; għaliex dan il-poter tal-Qorti jiġi eżerċitat meta si tratta ta' *skjariment ta' provi*, u mhux biex jiġi istruwit "ex novo" u "ab ovo" każ li ma ġiex bl-ebda mod istruwit quddiem il-Board minn għand min kien imissu u seta' istruwieh. L-appellant issolleva l-eċċezzjoni quddiem il-Board, u mbagħad ma għamel xejn aktar biex isostniha, u għalhekk ma jistax jilmenta jekk issa jiġi quddiem din il-Qorti sprovvist mill-provi;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant; dawk ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif provvduti.